MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2358/2003

**Alliance Unichem (Malta) Limited**

**Vs**

**Joe George Micallef**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm115.22c (mija u hmistax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' merkanzija, liema somma hija dovuta kwantu ghal Lm87.40c (sebgha u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu) skond fattura datata 1 ta' Jannar 2000 u kwantu ghal Lm27.82c (sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) skond fattura ohra datata 10 ta' Novembru 2000. (Prospett anness ma' l-Avviz tat-talba u mmarkat bhala Dok. A).

Bl-ispejjez tal-Avviz tat-talba u tal-ittra nterpellatorja tal-5 ta' Novembru 2003 u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-

fatturi sad-data tal-pagament effettiv ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher;

Ra l-Kapitolu pprezentat mis-socjeta' attrici;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas Lm115.22c (mija u hmistax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu), bl-ispejjez u bl-imghax mid-9 ta' Dicembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------